25 ta' Ottubru, 1952

Imħallef :

L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Spiteri *versus* Carmela Desira

**Siġar — Distanza Legali — Danni — Preskrizzjoni — Perit — Rikużazzjoni — Art. 474 u 2242 tal-Kodiċi Ċivili, u art. 654 tal-Proċedura Ċivili.**

*L-azzjoni għall-iżvelliment jew qtugħ ta' siġar għax ma jkunux fid-distanza legali, hija suġġetta għall-preskrizzjoni ta' tletin sena, dekorribili minn meta s-siġar ġew imħawlin.*

*Dina l-preskrizzjoni, però, ma tolqotx l-azzjoni għad-danni li jikkaġunaw dawk is-siġar; għax il-preskrizzjoni ta' dina l-azzjoni tad-danni tibda tiddekorri minn meta d-danni jibdew jinħassu u jġarrbuhom.*

*Kontra din l-azzjoni għad-danni mhux ta' ostakolu l-fatt li s-siġar ikunu ġew imħawlin fid-distanza legali; għax dan il-fatt ma jintitolax lil sid is-siġar jikkaġuna ħsara bihom lil ħadd ieħor.*

*Lanqas jiswa l-fatt li dak li jkun qiegħed isofri l-ħsara jista' jeħles mill-ħsara tal-għeruq billi jaqtagħhom; għax dan id-dritt ma jeskludix id-dritt l-ieħor għar-riżarċiment tad-danni, jekk ikun hemm.*

*Ir-rikużazzjoni ta' perit ma hix attendibili jekk ma tkunx ġiet sollevata bil-formalità preskritta mill-liġi.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, billi l-konvenuta għandha proprjetà tagħha, fost raba' ieħor, kanal fn' l-ilma li qiegħed fil-limiti taż-Żejtun ma' ġenb il-għalqa

"Tas-Slazz", u hemm fih miżrugħin siġra taż-żebbuġ, tlieta tal-bajtar tax-xewk, u oħra tat-tin, liema siġar qegħdin jostakolaw l-isfog ta' l-ilma mill-imsemmija għalqa "tas-Slazz" li hija mqabbla għand l-attur; peress li l-għeruq ta' dawn is-siġar daħlu għal taħt l-istess għalqa u qegħdin jirvinaw l-uċuh ta' dina l-għalqa bi ħsara kbira għall-attur; peress li f'dawn l-aħħar maltempijiet li għamlu l-ilma mill-imsemmija għalqa ma setax liberament jisfoga minħabba dawn is-siġar, u għalhekk l-attur bata ħafna danni; previa kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvediment opportun, il-konvenuta tiġi kundannata minn dil-Qorti li tneħħi u taqla' fi żmien qasir u perentorju dawn is-siġar fuq imsemmija, u in difett l-attur jiġi awtorizzat jagħmel dan ix-xogħol huwa a spejjeż tal-konvenuta taħt id-direzzjoni ta' perit tekniku nominand, u tiġi kundannata tħallas lill-attur bħala danni dak l-ammont li jiġi likwidat minn dina l-Qorti, okkorrendo per mezz ta' periti nominandi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar il-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenuta;

Illi skond l-interpretazzjoni kostanti tal-Qrati Tagħna, l-azzjoni għall-iżvelliment jew qtugħ tas-siġar kontemplata fl-art. 474 tal-Kodiċi Ċivili hija soġġetta għall-preskrizzjoni ta' tletin sena, dekorribili minn meta s-siġar ikunu ġew imħawwlin;

Illi mill-provi miġjuba l-Qorti tipproPendi biex tirritjeni li s-siġar kollha in kwistjoni jinsabu mħawlin aktar minn tletin sena. Irriżulta, infatti, li l-għalqa fejn dawn is-siġar........ Quddiem dawn il-fatti l-Qorti ma tistax taċċetta l-opinjoni ta' l-imsemmi espert, bażata unikament fuq sempliċi kalkolu approssimativ, li ċjoè dik is-siġra ilha mħawla xi 25 sena biss; u għalhekk tħoss li għandha tirritjeni li anki din is-siġra ilha mħawla aktar minn 30 sena;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi ma jidherx li hemm neċessità li jiġi definit b'mod formali l-inċident sollevat mid-difensur tal-konvenuta dwar l-imsemmi espert, u reġistrat fil-verbal tal-10 ta' Mejju 1952 (fol. 29). Del resto, jekk b'dak il-verbal il-konvenuta riedet tirrikuża lill-espert, dina r-rikużazzjoni ma ġietx sollevata bil-forma speċifika preskritta mill-liġi (art. 654 Proċ. Ċiv.). Imbagħad l-istess konvenuta pproċediet 'il-qud-

diem għal atti oħra, billi kompliet il-provi tagħha, u saħansitra ppreżentat nota ta' osservazzjonijiet mingħajr lanqas ma aċċennat fiha għal dak l-inċident;

*Fl-aħħarnett, ta' min josserva li, b'eċċezzjoni ta' siġra waħda*, l-opinjoni ta' l-espert kienet favorevoli għall-konvenuta;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni *għal dak li jirrigwarda* l-iżvelliment tas-siġar jistħoqqilha tiġi akkolta;

Illi, però, dina l-eċċezzjoni ma tistax, fil-każ tagħna, tolqot l-azzjoni tad-danni, oġġett tat-tieni domanda; għaliex f'dan il-każ il-preskrizzjoni tibda mindu l-azzjoni tista' tibda tiġi *eżerċitata* (art. 2242 Kod. Ċiv.), jiġifieri minn mindu jibdew jinħassu u juru ruħhom dawn id-danni (Kollez. XXIX—II—103). Issa rriżulta li l-attur ilu fil-għalqa sitt snin; li hu ma kienx induna bl-għeruq *tas-siġar in kwistjoni*; u li l-ħsara beda jħossha din is-sena billi l-ilma fil-kanal hemm eżistenti, minħabba dawk is-siġar, ma kienx jaqleb u jimxi bħal qabel;

Illi xejn ma jiswa li xi wħud mis-siġar jinsabu fid-distanza legali, jew almenu li ma ġiex pruvat li ma jinsabux f'dik id-distanza; *għaliex dana ma* jintitolax lill-konvenuta tikkaġuna bihom ħsara lill-attur;

Lanqas jiswa l-fatt li l-attur jista' jeħles mill-ħsara tal-għeruq billi jaqtagħhom (art. 476 (2) Kod. *Ċiv.*); għaliex dana d-dritt ma jeskludix id-dritt l-ieħor għar-riżarċiment tad-danni, jekk ikun hemm. "Circa le sotterranee radici", jgħid Demolombe, "il diritto pertinente al vicino di svellerle egli medesimo........... non ci pare impedirgli di domandare il ristoro dei danni ed interessi, eziandio per il tempo trascorso, **qualora esse** gli avessero arrecato qualche nocumento......... **perciocchè in** tal caso ha potuto ignorare il nocumento, e quindi non gli si potrebbe opporre aver consentito a sopportarlo' (Diritto Civile. Vol. XI, § 512);

Ta' l-istess fehma hu Pardessus (Servitù, Vol. I, § 197);

Ikkunsidrat dwar dawn id-danni;

Illi l-unika prova prodotta tikkonsisti fid-depożizzjoni ta' l-attur, u fil-fehma tal-Qorti dina hija biżżejjed biex tiddetermina r-responsabilità ġenerika tal-konvenuta — salva dejjem il-prova tal-konsistenza ta' dawn id-danni f'kawża oħra;

Għal dawn ir-raġunijiet;

*Tilqa'* l-eċċepita preskrizzjoni rigward il-qtugħ tas-siġar, u tiċħadha rigward id-danni; konsegwentement tirrespinġi l-ewwel domanda, bl-ispejjeż kontra l-attur; u tilqa' t-tieni domanda fis-sens li tiddikjara lill-konvenuta responsabili tad-danni, likwidabili f'kawża separata, bl-ispejjeż kontra l-konvenuta.